# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 30 ta' Mejju 2024**

**Kawża Numru: 12**
**Rikors Guramentat Numru:- 370/2016JVC**

**Annick Guesry-Legrix (Pass No. 15DI19970),** hawn rapprezentata mill-mandatarju specjali taghha Dr. Paul Micallef Grimaud (numru tal-karta ta' l-identita' 67579M)

vs

**Mr. Antoine Arnaud Jean Guesry (Pass. No. 07AB55120), Mr. Pierre Georges Antoine Guesry (Pass No. 09PE64814), u Ms. Laura Lejman (K.I. 0068095M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Ms. Annick Guesry-Legrix (Pass. No. 15DI19970) kif rapprezentata mill-mandatarju specjali taghha Dr. Paul Micallef Grimaud li jaqra kif isegwi:

1. 'Illi, fit-12 ta' Ottubru 2015, miet Pierre Rene Edouard Guesry, ta' nazzjonalita Franciza, izda li kellu ukoll il-karta ta' identita Maltija bin-numru 0039016A, hekk kif jidher mic-certifikat tal-mewt tal-imsemmi decujus hawn anness u mmarkat bhala"**Dok. A".**

2. Illi, l-attrici kienet mizzewga lill-imsemmi Pierre Rene Edouard Guesry, izda fil-31 ta' Awissu 1999, l-istess Pierre Edouard Guesry u l-attrici sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' firda personali (kopja tal-original bit-traduzzjoni certifikata taghha fil-lingwa Ingliza tinsab annessa bhala "**Dok. B**");

3. Illi, konsegwentement, t-Tribunal D'Arrondissement (Franza) fis-27 ta' Jannar 2005, irratifika il-ftehim ta' firda personali ta' l-imsemmi Pierre Rene Edouard Guesry u l-attrici, u l-likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni ta' bejniethom (kopja tal-original bit-traduzzjoni certifikata taghha fil-lingwa Ingliza tinsab annessa bhala "**Dok. C**");

4. Illi, minkejja li d-decujus Pierre Rene Edouard Guesry u l-attrici kienu separati minn xulxin, l-attrici xorta hija l-**armla tal-imsemmi decujus** u bhala tali ghandha d-dritt tas-sehem riservat fuq l-assi ereditarji tad-decujus, liema dritt jirrizulta mill-Artikolu 631 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu l-attrici u d-decujus ghandhom zewgt itfal, u cioe' l-konvenuti Antoine Jean Guesry u Pierre Georges Antoine

Guesry. Dan jinghad anke fid-dawl tal-Artikolu 53 tal-istess Kodici Civili;

5. Illi mir-ricerki testamentarji li saru gewwa r-Registru tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja) u r-Registru Pubbliku (kopja ta' liema huma hawn annessi mmarkati bhala **"Dok. D" u "Dok. E")**, jirrizulta li d-decujus kien ghamel testment pubbliku datat il-21 ta' Mejju 2014 u iskritt fl-atti tan-Nutar Joseph Abela, u liema testment, skont "Klawsola 1" tal-istess, irrevoka kull testment iehor li seta' sar precedentement mid-decujus (kopja awtentika hawn annessa u mmarkata bhala " **Dok. F**");

6. Illi, dawn ir-ricerki testamentarji juru wkoll li d-decujus m'ghamel ebda testment pubbliku iehor f'Malta wara dan tal-21 ta' Mejju 2014, u in oltre jikkonfermaw li l-istess decujus m'ghamel ebda testment sigriet hawn f'Malta matul hajtu. Ghalhekk, ghandu jigi kkunsidrat li l-klawsoli kontenuti fl-imsemmi testment pubbliku tal-21 ta' Mejju 2014 jirriflettu u jirraprezentaw l-ahhar dispozizzjonijiet testamentarji maghmula mid-decujus dwar id-divizjoni u l-wirt tal-patrimonju tieghu, kemm rigwardanti l-assi tieghu f'Malta kif ukoll barra minn Malta;

7. Illi, fir-rigward **tal-assi tad-decujus li jinsabu f'Malta**, l-istess decujus istitwixxa lill-konvenuta Laura Lejman bhala l-unika eredi tieghu, bl-eskluzjoni ta' l-assi li halla lil uliedu bhala legatarji tieghu, u, b'zieda ma' dan, taha d-dritt tal-uzufrutt fuq il-proprjeta tieghu "Fairoaks", Triq l-Uqija, l-Ibragg u anke hassar kwalunkwe obligazzjoni da parti tal-istess konvenuta biex thallas lura l-ammont moghti lilha

mid-decujus bhala donazzjoni tul hajtu (vide Sezzjoni 2, Klawsola 1, 5 u 7 – "**Dok. F**");

8. Illi, ukoll, fir-rigward **tal-assi tad-decujus li jinsabu f'Malta**, id-decujus halla lill-uliedu, u cioe l-konvenuti Antoine Arnaud Guesry u Pierre Georges Guesry, diversi legati, li l-valuri taghhom m'humiex prezentament maghrufa, kif ukoll in-nuda proprietas tal-imsemmija proprjeta tieghu - "Fairoaks", Triq l-Uqija, l-Ibragg (vide - Sezzjoni 2, Klawsoli 2, 3 u 4 – "**Dok.F**");

9. Illi barra minn hekk, fir-rigward tal-**assi tad-decujus li jinsabu barra minn Malta,** jirrizulta li d-decujus innomina lill-imsemmi uliedu, u ossija l-konvenuti Antoine Arnaud Guesry u Pierre Georges Guesry, bhala l-eredi tieghu, f'ishma mhux indaqs (specifikament, 41.5% u 58.5%) (vide Sezzjoni 3, Klawsola 3 - "**Dok. F**"). 'Il-fuq minn dan, id-decujus halla b'legat lill-konvenuta Ms. Laura Lejman is-sehem tieghu fil-'Private Investment Plan' li kellu flimkien mal-istess konvenuta (liema 'Private Investment Plan' huwa stabbilit gewwa l-Ingilterra), u in oltre halla lill-fondazzjoni bl-isem ta' 'The Arnaud Guesy Foundation' kwalunkwe investiment u/jew flus li kellu, fil-mument tal-mewt tieghu, mal-bank esteru 'The City Bank of New York' (vide Sezzjoni 2, Klawsoli 1 u 2, - "**Dok.F**");

10. Illi, pero', fl-imsemmi testment pubbliku tal-21 ta' Mejju 2014, id-decujus halla barra ghal kollox lill-attrici bhala beneficjarja tal-patrimonju. Konsegwentement, ghandu jigi emfassizat li l-jedd tal-attrici ghas-sehem rizervat spettanti lilha fil-konfront tal-patrimonju tad-decujus, u ossia abbazi

tal-fatt li l-istess attrici hija l-armla tad-decujus, ma giex sodisfatt fl-imsemmi testment pubbliku;

11. Illi, peress, illi d-decujus, fil-mument ta' mewtu, kellu zewgt itfal, ossija l-konvenuti Antoine Arnaud Guesry u Pierre Georges Guesry, japplika l-Artikolu 631 tal-Kodici Civili, u ghalhekk l-attrici hija ntitolata **ghal kwart tal-valur tal-beni tad-decujus fi proprjeta' shiha;**

12. **Illi l-konvenuti Antoine Arnaud u Pierre Geroges, ahwa Guesry, ma humiex qed jikkontestaw it-talbiet tal-attrici izda din il-kawza qed issir fil-konfront taghhom ukoll biss ghall-integrita tal-gudizzju;**

13. Illi, min-naha l-ohra, fir-rigward tal-konvenuta Laura Lejman, l-attrici u l-konvenuti l-ohra Antoine Arnaud u Pierre Georges Guesry, ghamlu diversi tentattivi sabiex jinnegozjaw valutazzjoni u divizjoni gusta tal-patrimonju tad-decujus, u senjatament b'mod li jassigura li l-imsemmi jedd spettanti lill-attrici taht l-Artikolu 631 tal-Kodici Civili, u ossija d-dritt ghas-sehem rizervat ta' "kwart tal-valur tal-beni fi proprjeta shiha", **jigi sodisfatt**. Madankollu, minhabba n-nuqqas assolut ta' kooperazzjoni da parti tal-konvenuta Ms. Laura Lejman li, kif indikat hawn fuq, hija l-beneficjarja ta' numru tad-dispozzizzjonijiet testamentarji rigwardanti l-patrimonju tad-decujus, dawn l-imsemmi tentattivi sfaw fix-xejn. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

14. **Illi peress illi din il-kawza kellha ssir unikament minhabba fil-kontestazzjoni ta' Laura Lejman, l-istess konvenuta Laura Lejman ghandha tkun unikament responsabbli ghall-ispejjez kollha ta' din il-kawza;**

15. Illi l-mandatarju specjali Dr Paul Micallef Grimaud jiddikjara illi dawn il-fatti ma jafhomx personalment izda gew mgharrfa lilu mill-mandanti tieghu.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-attrici umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-attrici ghandha, bhala l-armla tad-decujus Pierre Rene Edouard Guestry, il-jedd ghas-sehem rizervat stabbilit fl-Artikolu 631 tal-Kodici Civili rigwardanti l-patrimonju appartanenti lill-istess decujus;

2. Tillikwida s-sehem spettanti lill-attrici mill-patrimonju tal-istess decujus, okkorendo bl-ghajnuna ta' perit nominandi;

3. Tassenja lill-attrici dak is-sehem rizervat spettanti lilha u kif likwidat skond it-talba precedenti;

4. Tordna lill-konvenuti sabiex, kull wiehed u wahda minnhom, fis-sehem spettanti lilhom, jidhru, jersqu u jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni ta' kwalsijasi kuntratt pubbliku illi jkun jehtieg li jigi ppublikat per konsegwenza tal-likwidazzjoni, divizjoni u assenjazzjoni in segwitu ghal dawn it-talbiet mressqa mill-attrici;

5. Tinnomina kuraturi deputati sabiex, fin-nuqqas tad-dehra tal-konvenuti, jew min minnhom, jidhru huma f'isem u in rapprezentanza ta' dawk il-konvenuti assenti, ghal-pubblikazzjoni ta' kwalsijasi kuntratt pubbliku li jkun jehtieg li jigi ppublikat per konsegwenza tal-

likwidazzjoni, divizjoni u assenjazzjoni in segwitu ghal dawn it-talbiet mressqa mill-attrici;

6. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika kwalsijasi kuntratt pubbliku illi jkun jehtieg li jigi ppublikat per konsegwenza tal-likwidazzjoni, divizjoni u assenjazzjoni in segwitu ghal dawn it-talbiet mressqa mill-attrici;

7. Tordna lill-konvenuti sabiex, mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt hawn fuq imsemmi, kull wiehed u wahda minnhom fis-sehem spettanti lilhom, ihallsu lill-attrici s-sehem riservat spettanti lilha, kif likwidat skont it-talbiet precedenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta Laura Lejman, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni, kif ukoll b'riserva tal-imghaxijiet dekorribbli a favur tal-attrici ai termini tal-Artikolu 615(2) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).'

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimata Laura Lejman kif rapprezentata mill-mandatarja specjali taghha Christine Lejman li taqra kif isegwi:

1. 'Preliminarjament, l-azzjoni attrici ta' l-armla sseparata mhix proponibbli u hija perenta u estinta in vista ta' dak li hemm mahsub fis-subinciz (7) ta' l-Artikolu 633 tal-Kodici Civili, tenut kont tal-kontenut tad-dokumenti esebiti bhala Dok. B u Dok. C.

2. Illi fil-meritu t-talbiet tal-attrici huma bla bazi legali u insostenibbli - anke jekk dawn m'humiex qeghdin jigu

kkontestati minn uliedha l-intimati Antoine Arnaud u Pierre Georges ghal ragunijiet li jafuhom huma – u dan peress li l-attrici kienet isseparata minn zewgha, u permezz ta' '*post-nuptial agreement*' huma kienu eskludew id-dritt tas-sehem riservat fuq l-assi ereditarji tad-decujus, ai termini tas-subinciz (7) ta' l-Artikolu 633 tal-Kodici Civili ta Malta, li jipprovdi illi l-mizzewgin jistghu, anki wara z-zwieg, jiftiehmu li jeskludu l-jedd kompetenti ta' min minnhom jibqa' haj wara l-iehor. Dan japplika sahansitra jkun liema jkun ir-regim patrimonali li ghandu jirregola l-proprjeta' taghhom.

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju, permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni personali (Dok. B) u permezz tar-ratifika mit-tribunal ta' Franza tal-kuntratt ta' separazzjoni personali u likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni pretensjoni ohra kontra l-assi ta' zewgha: "*The parties declare that they no longer have any claims against one another on the basis of the liquidation of their proprietary relations, except for Article 1 below.*" Ghalhekk, l-attrici ma fadlilha l-ebda bazi legali biex tippretendi li ghandha l-jedd ghas-sehem riservat wara li hija stess irrinunzjat inkondizzjonatament ghal kwalunkwe pretensjoni futura.

4. Illi l-fatt li hija l-armla tad-decujus la jaghtiha d-dritt tas-sehem riservat fuq l-assi ereditarji tieghu ladarba dan id-dritt gie eskluz ai termini tas-subinciz (7) ta' l-Artikolu 633 tal-Kodici Civili, u lanqas jaghtijha d-dritt tas-sehem riservat la darba hija rrinunzjat espressament ghal kwalsiasi pretensjoni ohra kontra l-assi tieghu, hlief dawk id-drittijiet imsemmija fil-ftehim finali ta' bejniethom, u ghalhekk f'kull kaz (minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni) hemm ir-

rinunzja taghha. L-attrici deliberament naqset li ssemmi l-Artikolu 633 (7) tal-Kap 16, kif ukoll ir-rinunzja espressament imnizzla fid-Dok. C esebit minnha stess.

5. Subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-testatur qatt ma ried li jhalli lill-armla sseparata d-dritt tas-sehem riservat, stante li fir-rigward tal-assi tieghu li jinsabu f'Malta t-testatur ghazel li ma jhallihiex beneficjarja ta' l-ebda parti mill-assi ereditarji tieghu, u dan huwa ammess mill-attrici nfisha meta tiddikjara (paragrafu 10 tar-rikors guramentat taghha) illi "fl-imsemmi testment pubbliku tal-21 ta' Mejju 2014, id-decujus halla barra ghal kollox lill-attrici bhala beneficjarja tal-patrimonju", liema decizjoni ghandha treggi ghaliex hija l-libera volonta' tat-testatur.

6. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attrici ma tistax tattakka d-decizjoni tat-testatur li ma jhallix lilha r-'riservata portio' minghajr ma tattakka l-validita' tat-testment tal-21 ta' Mejju 2014 li enkapsula l-imsemmija decizjoni tat-testatur; u la darba l-attrici accettat it-testment tal-21 ta' Mejju 2014 bhala l-espressjoni tal-volonta' hielsa tat-testatur, ma tistax tippretendi wkoll li xi parti mit-testment hija invalida: *'electa una via, non datur recursus ad alteram'*.

7. Illi l-attrici ma kellhiex ma ssemmix ukoll l-Artikolu 633(7) tal-Kodici Civili ladarba l-ommissjoni ta' dina d-dispozizzjoni tal-ligi tista' sservi biex tizvija lil din l-Onorabbli Qorti.

8. Illi l-accettazzjoni tat-talbiet attrici da parti taz-zewg uliedha intimati ma jista' jkollha l-ebda impatt fuq dawn il-proceduri,

stante li huma liberi li jaccettaw ukoll, jekk iridu, li jaghtu sehemhom lil ommhom u ma jiehdu xejn . Del resto, uliedha l-intimati huma beneficjarji ta' numru ta' dispozizzjonijiet testamentarji li jirrigwardaw mhux biss l-assi tieghu gewwa Malta, izda wkoll l-assi tieghu fi Franza u band'ohra wkoll. Ghalhekk, ma kellhomx ghalfejn jippretendu li l-eccipjenti takkonsentixxi ghat-talbiet attrici jew iccedi ghall-insistenza taghhom li taccetta li jkun hemm tnaqqis ta' l-assi ereditarji tat-testatur a favur l-attrici kontra l-volonta' tat-testatur.

9. Illi l-eccipjenti giet nominata esekutrici testamentarja mit-testatur u ghandha l-obbligu legali li timxi skont id-dispozizzjonijiet testamentarji maghmula minnu.

10. Illi kwantu ghall-kap ta' l-ispejjez, l-eccipjenti m'ghandha tbati l-ebda spejjez gudizzjarji stante li t-talbiet ta' l-armla sseparata tat-testatur huma fiergha u vessatorji stante li huma bla bazi u assolutament infondati, anke *'prima facie'*.

11. Illi ghar-ragunijiet imfissra hawn fuq, kif ukoll ghal ragunijiet ohra li jissemmew fit-trattazzjoni tal-kawza, l-ebda wahda mis-seba' (7) talbiet ta' l-attrici m'ghandha tigi milqugha stante li l-armla sseparata m'ghandhiex jedd ghas-sehem riservat pretiz minnha.

12. Bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra.'.

Rat in-nota ta' Dr Adrian Camilleri bhala mandatarju specjali tal-intimati Antoine Arnaud Jean Guesry u Pierre Georges Antoine Guesry li taqra kif isegwi:

'Li permezz taghha u ghan-nom ta' Antoine Arnaud Jean Guesry u Pierre Georges Antoine Guesry hekk kif awtorizzat qed jammetti it-talbiet kolla ta' Annick Guesry – Legrix f'dina l-kawza b'dan illi l-esponenti m'ghandhomx jbghatu l-ebda spejjez ta' dawna l-proceduri liema spejjez se mai ghadhom jigu supportati interament mill-initmata l-ohra f'dina l-kawza u cioe' Laura Lejman peress illi dawn il-proceduri saru biss minhabba l-kontestazzjoni taghha.'.

Rat l-affidavits, xhieda, certifikat tal-mewt, kopja tal-original tal-kuntratt ta' firda personali u t-traduzzjoni relattiva, kopja tal-original tar-ratifikazzjoni tat-Tribunal D'Arrondissement (Franza), ricerki testamentarji sigrieti u pubblici, testment, prokuri specjali, kopji ta' emails, kuntratt ta' kostituzzjoni ta' fondazzjoni, statements tal-banek, kuntratti ohra, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tat-28 ta' Frar, 2017 il-Qorti kif diversament preseduta wara li rat l-Artikolu 173 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta dehrilha li hu opportun li f'dan l-istadju tordna l-inverzjoni tal-provi sabiex jigu trattati l-ewwel erba' eccezzjonijiet u tinghata sentenza preliminari u rat li sussegwentement fil-verbal tat-22 ta' Gunju, 2017 wara li l-Qorti kif diversament preseduta semghet lid-difensuri tal-partijiet rrevokat id-digriet taghha tat-28 ta' Frar, 2017 *contrario imperio* u ordnat li l-provi jkomplu jingabru fuq it-talbiet u l-eccezzjonijiet kollha;

Rat illi fil-verbal tas-17 ta' Jannar, 2019 Dr Tonio Azzopardi ghan-nom tal-intimata Laura Lejman rrileva li ghalkemm l-att tal-mewt ta' Dr Pierre Guesry jindikah bhala 'married', fir-realta' rrizulta li kien separat u hemm dokumenti ufficjali li jindikaw dan u rat li Dr

Formosa ghar-rikorrenti ddikjara li ma jikkontestax li d-decujus kien separat legalment minn mal-mara tieghu;

Rat illi fil-verbal tal-4 ta' Ottubru, 2022 Dr Kris Borg ghall-intimati ahwa Guesry ammetta t-talbiet tar-rikorrenti;

Rat illi fil-verbal datat 2 ta' Mejju, 2023 il-kawza giet differita ghat-30 ta' April, 2024 ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat illi fis-seduta tat-30 t'April, 2024 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti Annick Guesry-Legrix qieghda titlob li tinghata s-sehem riservat spettanti lilha ai termini tal-Artikolu 631 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta bhala l-armla tad-decujus Dr Pierre Rene Edouard Guesry li gie nieqes fit-12 ta' Ottubru, 2015 (ara certifikat tal-mewt a fol. 11 tal-process).

Illi jirrizulta li r-rikorrenti kienet mizzewga lill-imsemmi Dr Pierre Rene Edouard Guesry li pero' fil-31 ta' Awwissu, 1999 isseparaw minn ma' xulxin permezz ta' ftehim intitolat '*Convention De Mesures Protectrices De l'Union Conjugale*' (ara ftehim a fol. 12 et seq tal-process). Jirrizulta li sussegwentement it-Tribunal D'Arrondissement Franza rratifika l-ftehim ta' firda personali bejn l-imsemmi Dr Pierre Rene Edouard Guesry u r-rikorrenti bi ftehim

intitolat '*Convention De Mesures Protectrices De L'Union Conjugale Et De Liquidation De Rapports Patrimoniaux*' bl-ingliz '*Agreement on the Marriage Settlement Proceedings and the Liquidation of the Proprietary Relations*' fis-27 ta' Jannar, 2005 (ara ftehim a fol. 18 et seq tal-process). Ir-rikorrenti ssostni li fil-kuntratt ta' separazzjoni huma ftehmu li jaqsmu u jillikwidaw l-assi proprjetarji ta' bejniethom billi l-hajja matrimonjali ta' bejniethom kienet spiccat, pero' fl-istess kuntratt ta' separazzjoni huma bl-ebda mod ma rrinunzjaw ghad-drittijiet successorji li kellhom fil-konfront ta' xulxin. Tghid illi nfatti l-kwistjoni ta' rinunzja tad-drittijiet ereditarji qatt ma gew diskussi bejniethom u lanqas qatt ma tqajmu fin-negozjati li saru bejniethom li kienu jikkoncernaw il-ftehim ta' separazzjoni.

Illi r-rikorrenti Annick Guesry-Legrix tghid illi fit-testment pubbliku tieghu tal-21 ta' Mejju, 2014 fl-atti tan-Nutar Joseph Abela (ara testment a fol. 26 et seq tal-process), Dr Pierre Rene Edouard Guesry halliha barra ghal kollox bhala beneficjarja tal-patrimonju. Madanakollu ssostni illi minkejja li d-decujus Dr Pierre Rene Edouard Guesry u hi kienu separati minn xulxin, hija xorta l-armla tieghu u bhala tali ntitolata ghas-sehem riservat. Ghalhekk ipprocediet bil-kawza odjerna kontra l-eredi fejn fost affarijiet ohra talbet li tigi dikjarata li ghandha, bhala l-armla tad-decujus Dr Pierre Rene Edouard Guesry, jedd ghas-sehem riservat stabbilit fl-Artikolu 631 tal-Kodici Civili u li jigi likwidat u assenjat is-sehem spettanti lilha mill-patrimonju tal-istess decujus, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

Illi l-intimati Antoine Arnaud Jean Guesry u Pierre Georges Antoine Guesry, ulied ir-rikorrenti, permezz tan-nota taghhom intavolata nhar it-30 ta' Gunju, 2016 (fol. 55), ammettew it-talbiet kollha tar-rikorrenti ommhom Annick Guesry-Legrix u sostnew li m'ghandhomx ibghatu l-ebda spejjez ta' dawn il-proceduri li se

mai ghandhom jigu sopportati nterament mill-intimata l-ohra Laura Lejman billi dawn il-proceduri saru minhabba l-kontestazzjoni taghha.

Illi l-eccezzjonijiet tal-intimata Laura Lejman kollha jduru mal-kwistjoni li bejn ir-rikorrenti Annick Guesry-Legrix u l-mejjet Dr Pierre Rene Edouard Guesry kien hemm is-separazzjoni. L-intimata laqghet ghal din il-kawza billi eccepiet preliminarjament illi l-azzjoni ta' l-armla sseparata mhix proponibbli u hija perenta u estinta in vista ta' dak li hemm mahsub fis-subinciz 7 tal-Artikolu 633 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tenut kont tal-kontenut tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat 'B' u 'C'. Fit-tieni eccezzjoni taghha regghet sostniet fil-mertu li t-talbiet attrici huma bla bazi u legalment insostenibbli peress li r-rikorrenti kienet isseparata minn ma' zewgha Dr Pierre Rene Edouard Guesry u li permezz ta' 'post nuptial agreement' huma kienu eskludew id-dritt tas-sehem riservat fuq l-assi ereditarji tad-decujus, ai termini tas-subinciz 7 tal-Artikolu 633 tal-Kodici Civili, li jipprovdi li l-mizzewgin jistghu, anki wara z-zwieg, jiftiehmu li jeskludu l-jedd kompetenti ta' min minnhom jibqa' haj wara l-iehor. Dan japplika sahansitra jkun liema jkun ir-regim patrimonjali li ghandu jirregola l-proprjeta' taghhom. L-intimata sostniet fit-tielet eccezzjoni taghha illi r-rikorrenti permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni personali (Dok B) u r-ratifika mit-Tribunal ta' Franza tal-kuntratt ta' separazzjoni personali u likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni (Dok C) hija rrinunzjat ghal kwalunkwe pretensjoni ohra kontra l-assi ta' zewgha: 'The parties declare that they no longer have any claims against one another on the basis of the liquidation of their proprietary relations, except for Article 1 below.'. Sostniet ghalhekk li r-rikorrenti m'ghad fadlilha l-ebda bazi legali biex tippretendi li ghandha l-jedd ghas-sehem

riservat wara li hija stess irrinunzjat inkondizzjonatament ghal kwalunkwe pretensjoni futura.

L-intimata kompliet issostni li l-fatt li r-rikorrenti hija l-armla tad-decujus, la jaghtiha d-dritt tas-sehem riservat fuq l-assi ereditarji tieghu la darba dan id-dritt gie eskluz ai termini tal-Artikolu 633 sub-artikolu 7 u lanqas jaghtiha d-dritt tas-sehem riservat ladarba hija rrinunzjat espressament ghal kwalsiasi pretensjoni ohra kontra l-assi tieghu, hlief dawk id-drittijiet imsemmija fil-ftehim finali ta' bejniethom u ghalhekk f'kull kaz hemm ir-rinunzja taghha. L-intimata Lejman sostniet illi r-rikorrenti deliberament naqset milli ssemmi l-Artikolu 633(7) tal-Kap. 16, kif ukoll ir-rinunzja espressament imnizzla fid-Dok C esebit minnha stess. L-intimata Lejman sostniet ukoll illi t-testatur qatt ma ried li jhalli lill-armla sseparata d-dritt tas-sehem riservat stante li fir-rigward l-assi tieghu li jinsabu Malta huwa ghazel li ma jhallilha xejn u dan anke gie ammess minnha stess. Preliminarjament ukoll l-intimata Lejman eccepiet li r-rikorrenti ma tistax tattakka d-decizjoni tat-testatur li ma jhallix r-'*riservata portio*' minghajr ma' tattakka l-validita' tat-testment tal-21 ta' Mejju, 2014 li enkapsula l-imsemmija decizjoni tat-testatur, la darba r-rikorrenti accettat it-testment tal-21 ta' Mejju 2014 bhala l-espressjoni tal-volonta' hielsa tat-testatur, ma tistax tippretendi wkoll li xi parti mit-testment hija invalida '*electa una via, non datur recursus ad alteram.*'. Fit-tmien eccezzjoni l-intimata Lejman eccepiet illi l-accettazzjoni tat-talbiet attrici da parti taz-zewg uliedha intimati ma jista jkollha l-ebda impatt fuq dawn il-proceduri, stante li huma liberi li jaccettaw ukoll, jekk iridu, li jaghtu sehemhom lil ommhom u ma jiehdu xejn. Eccepiet ukoll illi hija giet nominata bhala esekutrici testamentarja mit-testatur u ghandha l-obbligu legali li timxi skont id-dispozizzjonijiet testamentarji maghmula minnu. Finalment eccepiet illi in kwantu ghall-ispejjez hija m'ghandha tbati l-ebda

spejjez gudizzjarji stante li t-talbiet ta' l-armla sseparata tat-testatur huma fiergha u vessatorji stante li huma bla bazi u assolutament infondati, anke '*prima facie*'.

**<u>Kunsiderazzjonijiet relatati mal-eskluzjoni jew le tal-jedd ta' successjoni:</u>**

Illi minn harsa lejn l-eccezzjonijiet tal-intimata Laura Lejman il-kwistjoni dwar jekk ir-rikorrenti Annick Guesry-Legrix hijiex intitolata ghas-sehem riservat jew le, ddur mal-fatt jekk bis-separazzjoni ta' bejnha u bejn zewgha Dr Pierre Rene Edouard Guesry giex legalment eskluz ukoll il-jedd ta' successjoni wara l-mewt ta' parti minnhom.

Illi dwar dan ir-rikorrenti ssostni li bil-ftehim ta' separazzjoni bejnha u bejn Dr Pierre Rene Edouard Guesry huma merament ftehmu sabiex jiddividu u jillikwidaw l-assi proprjeta' taghhom mizmuma in komun, in vista li l-hajja matrimonjali taghhom spiccat. Issostni li madanakollu fl-istess ftehim ta' separazzjoni huma bl-ebda mod ma rrinunzjaw ghad-drittijiet successorji li kellhom fil-konfront ta' xulxin. Tghid li nfatti l-kwistjoni ta' rinunzja tad-drittijiet successorji ma kienet qatt imqajma jew diskussa waqt in-negozjati li kien hemm bejniethom waqt l-abbozzar u l-iffirmar tal-kuntratt.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti tqis li ghandha fl-ewwel lok tezamina l- l-ftehim ta' separazzjoni u dokumenti ohrajn li gew esebiti fl-atti mill-partijiet sabiex jigi stabbilit jekk id-drittijiet successorji gewx eskluzi jew le. Dawn huma s-segwenti:

1. Ftehim intitolat '*Convention De Mesures Protectrices De l'Union Conjugale entre Madame Annick Guesry-Legrix et*

*Monsieur Pierre Guesry*' fejn fit-traduzzjoni ghal-lingwa Ingliza huwa '*Agreement on the Settlement Proceedings of the 1st Union of Marriage between Mrs Annick Guesry-Legris and Mr Pierre Guesry*' ratifikat mill-Qorti Zvizzera fl-1 ta' Settembru, 1999 a fol. 12 et seq tal-process.

Minn qari ta' dan il-ftehim jirrizulta li l-partijiet ftehmu kif ghandha tkun regolata l-firda, in kwantu fost affarijiet ohra - meta ghandha titlaq mid-dar konjugali r-rikorrenti Annick Guesry-Legrix, il-manteniment li ghandu jghaddi Pierre Guesry lill-imsemmija Annick Guesry-Legrix, min ser ihallas il-loan u l-interessi relatati maghha filwaqt li gie wkoll miftiehem illi Pierre Guesry kien ser jibqa' jiehu hsieb u jimmanigja l-assi tal-partijiet. Huwa car li dan il-ftehim ma kienx wiehed finali.

2. Ftehim intitolat 'Convention Partielle Entre Monsieur Pierre Guesry et Madame Annick Guesry-Legrix' datat 17 ta' Ottubru, 2001 a fol. 117 et seq tal-process. Meta l-Qorti ghamlet traduzzjoni tat-titolu u ezaminat il-kontenut ta' dan il-ftehim jirrizulta li huwa wiehed parzjali fejn il-partijiet parzjalment iddecidew x'ghandu jsir bil-polza bin-numru 4015199K/01-10 "Wealthmaster Choice Account" f'CMI Clerical Medical International, u rimbors ta' somma flus li Dr Pierre Guesry kellu jghaddi lir-rikorrenti relatat ma' flus gejjin mill-eredita' ta' missierha.

3. Ftehim maghmul ghand in-Nutar Brigitte Fahrni Chiusano intitolat '*Complement de cedule hypothecaire*' datat 31 ta' Marzu, 2003 a fol. 119 et seq tal-process. Minn qari ta' dan il-ftehim jirrizulta li huwa relatat ma ipoteka u m'ghandu x'jaqsam assolutament xejn ma drittijiet successorji.

4. Ftehim intitolat '*Donation en la Forme Du Pacte Successoral*' bejn min-naha l-wahda Dr Pierre Rene Edouard Guesry u r-rikorrenti Annick Guesry-Legrix u min-naha l-ohra wliedhom Pierre Georges Antoine Guesry u Antoine Arnaud Jean Guesry datat 18 ta' Novembru, 2003 li gie rregistrat nhar il-5 ta' Jannar, 2004 a fol. 80 et seq tal-process. Minn qari ta' dan il-kuntratt jirrizulta li dan huwa donazzjoni moghtija fil-forma ta' successjoni, infatti dan huwa ndikat wkoll fit-titolu tieghu. Effettivament dan il-kuntratt ma jaghmel l-ebda referenza ghal drittijiet successorji bejn Dr Pierre Rene Edouard Guesry u r-rikorrenti Annick Guesry-Legrix.

5. Ftehim intitolat '*Convention De Mesures Protectrices De L'Union Conjugale et Liquidation De Rapports Patrimoniaux*' fejn fit-traduzzjoni ghal-lingwa Ingliza huwa ntitolat '*Agreement on the Marriage Settlement Proceedings and the Liquidation of the Proprietary Relations between Mrs Annick Guesry-Legrix and Mr Pierre Guesry*' ratifikat fit-2 ta' Frar, 2005 a fol. 18 et seq tal-process.

   Illi jirrizulta li dan il-ftehim kien jitratta l-manteniment li Dr Pierre Rene Edouard Guesry kellu jghaddi lir-rikorrenti Annick Guesry-Legrix, id-divizjoni tal-assi konsistenti minn kont ma' Banque Piguet & Cie fejn gie diviz min-nofs bejn iz-zewg partijiet, l-ghamara u oggetti ohra u finalment iddikjaraw illi m'ghandhomx aktar pretensjonijiet fil-konfront ta' xulxin fuq il-bazi ta' likwidazzjoni tar-relazzjonijiet proprjetarji bl-eskluzjoni tal-Artikolu 1 relatat mal-manteniment. Gie miftiehem illi:

'3/ The parties declare that they no longer have any claims against one another on the basis of the liquidation of their proprietary relations, except for Article I below.'.

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti Annick Guesry-Legrix, sabiex issahhah l-argument taghha illi bis-separazzjoni taghha minn ma' Dr Pierre Rene Edouard Guesry hija ma rrinunzjatx ghad-drittijiet successorji u ghalhekk hija ntitolata ghas-sehem riservat, ipprezentat parir legali moghti minn Avukat Dr David Regamey mill-Isvizzera esebit a fol. 146 et seq tal-process. Fil-parir legali tieghu Dr David Regamey jaghti deskrizzjoni fiex tikkonsisti l-ligi tal-Isvizzera, u ndika d-dokumenti kollha li gew lilu moghtija u ddeskriva fid-dettal wiehed wiehed f'xiex jikkonsistu l-imsemmija dokumenti. Fl-opinjoni legali tieghu Dr David Regamey qal illi hija l-fehma tieghu illi Annick Guesry-Legrix u Dr Pierre Rene Edouard Guesry kienu ghadhom mizzewgin fid-data tal-mewt ta' l-imsemmi Dr Pierre Rene Edouard Guesry fit-12 ta' Ottubru, 2015 ghalkemm kienu ilhom jghixu separatament mill-1 ta' Ottubru, 1999. Jghid illi zewg modi kif jista jkun hemm ir-rinunzja bejn il-mizzewgin li wiehed jiret lil iehor hija jew bid-divorzju jew inkella billi jigi ffirmat dak l-imsejjah '*renunciation inheritance agreement*' kif provdut fil-Kodici Civili tal-Izvizzera. L-imsemmi avukat jghid ukoll illi mid-dokumenti pprezentati lilu ma jirrizultax li bejn ir-rikorrenti Annick Guesry-Legrix u Dr Pierre Rene Edouard Guesry kien hemm xi wiehed minn dawn iz-zewg dokumenti ndikati. Fl-opinjoni legali tieghu Dr David Regamey sostna:

'4.10 **Pertinently, none of the agreements which I have reviewed for the purposes of rendering this Opinion, as listed above under Section 2.3 of this same Opinion, constitute or amount to the type of renunciation inheritance agreement required under Swiss law in**

**order for a valid renunciation of succession rights to be made and take effect (as outlined and described in Section 4.4 and 4.9 of this Opinion).'**.

Sostna wkoll fir-rigward id-domandi li sarulu u li gew indikati fl-opinjoni legali bhala 'Statement 1' u Statement 2' illi:

'5.6. **Considering the above, according to the Swiss family and inheritance law, it is my opinion that <u>statement 1 is correct</u> and that Pierre Rene Edouard GUESRY and Annick GUESRY-LEGRIX did not renounce to their succession rights over the other's estate (including that of the reserved portion). This goal could only have been achieved with the divorce or by signing a renunciation inheritance agreement (in front of a public notary and two witnesses).**

5.7. **Considering the above, according to the Swiss family and inheritance law, it is my opinion that <u>statement 2 is correct</u>, namely that none of the MPUC Agreement 1999, the Partial Patrimonial Agreement 2001, the Mortgage Extention Instrument 2003, the Donation Agreement 2003, and the MPUC Agreement 2005 had the purpose nor the effect that Pierre René Edouard GUESRY and Annick GUESRY-LEGRIX had validly renounced to their respective inheritance rights over the other's estate (including that of the reserved portion).'**.

Illi minn qari tad-dokumenti kollha kwotati bil-punti minn wiehed (1) sa hamsa (5) aktar il-fuq jirrizulta illi l-ghan wara l-klawsoli kollha kien li l-konjugi jirregolaw id-drittijiet proprjetarji ta' bejn il-partijiet. Da parti taghha l-intimata Laura Lejman fl-

eccezzjonijiet taghha, partikolarment fl-eccezzjoni bin-numru 3, teccepixxi illi bil-kuntratt ta' separazzjoni personali datat 1 ta' Settembru, 1999 (Dok B) u permezz tar-ratifika mit-Tribunal ta' Franza tal-kuntratt ta' separazzjoni personali u likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni ratifikat fit-2 ta' Frar, 2005 (Dok C) ir-rikorrenti Annick Guesry-Legrix kienet irrinunzjat ghal kwalunkwe pretensjoni ohra kontra l-assi ta' zewgha billi fil-klawsola bil-punt numru 3 iz-zewg partijiet iddikjaraw li: '*3/ The parties declare that they no longer have any claims against one another on the basis of the liquidation of their proprietary relations, except for Article I below.*' Sostniet ghalhekk li r-rikorrenti m'ghadx fadlilha l-ebda bazi legali biex tippretendi li ghandha l-jedd ghas-sehem riservat wara li hija stess irrinunzjat inkondizzjonatament ghal kwalunkwe pretensjoni futura.

Illi minn qari tal-klawsola msemmija l-Qorti tifhem illi l-partijiet iddikjaraw illi m'ghadx fadlilhom pretensjonijiet fil-konfront ta' xulxin in kwantu relatat mar-relazzjonijiet proprjetarji ezistenti bejn xulxin. Infatti l-kliem huwa car illi dak li kien qieghed jinghad huwa fil-konfront tal-'*proprietary relations*'. Fl-ebda dokument, inkluz il-klawsola ndikata, ma ssir referenza ghad-drittijiet successorji wara l-mewt tal-partijiet. Fil-fehma tal-Qorti bhal ma jsir hawn Malta fejn fil-kuntratt ta' separazzjoni ssir klawsola apposita, distinta u separata relatata proprju mad-drittijiet successorji, fejn kull parti tirrinunzja reciprokament ghal kull dritt ta' successjoni fil-konfront ta' xulxin, inkluz kwalsiasi dritt ta' *legittima portio* u jekk din ma ssirx ma jkunx hemm rinunzja sakemm ma jsirx testment sussegwentement li jeskludi l-konjugi. Mill-parti legali esebit jidher li anki f'pajjizi bhall-Isvizzera hija neccessarja r-rinunzja cara tad-drittijiet successorji permezz ta' att pubbliku u dan ma jistax jigi mplikat kif qed tipretendi l-intimata. Fid-dawl ta' dak suespost din il-Qorti ser

tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni u kwalunkwe eccezzjoni ohra relatata maghha.

**<u>L-ewwel eccezzjoni preliminari, t-tieni eccezzjoni u kwalunkwe eccezzjoni ohra relatata mal-Artikolu 633 sub-artikolu 7 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta tal-intimata Lejman:</u>**

Illi l-intimata Laura Lejman teccepixxi wkoll preliminarjament illi l-azzjoni attrici m'hijiex proponibbli u li hija wahda perenta u estinta in vista ta' dak li hemm mahsub fis-subinciz (7) ta' l-Artikolu 633 tal-Kodici Civili, tenut kont tal-kontenut tad-dokumenti esebiti bhala Dok B u Dok C. Fit-tieni eccezzjoni teccepixxi li t-talbiet tar-rikorremnti huma bla bazi legali u insostenibbli peress li r-rikorrenti kienet isseparata minn zewgha u permezz ta' 'post-nuptial agreement' huma kienu eskludew id-dritt tas-sehem riservat fuq l-assi ereditarji tal-mejjet ai termini tas-sub-inciz (7) ta' Artikolu 633 tal-Kodici Civili, li jipprovdi illi l-mizzewgin jistghu, anki wara z-zwieg jiftiehmu li jeskludu l-jedd kompletament ta' min minhom jibqa' haj wara l-iehor. Dan japplika sahansitra jkun liema jkun ir-regim patrimonjali li ghandu jirregola l-proprjeta' taghhom.

Illi l-argument li l-intimata Lejman taghmel fl-eccezzjonijiet taghha huwa li d-dritt tas-sehem riservat fuq l-assi ereditarji tal-mejjet gie eskluz ai termini tas-sub-artikolu 7 tal-Artikolu 633 tal-Kodici Civili m'huwiex wiehed legalment sostenibbli billi minn ezami tal-Artikolu 633 tal-Kodici Civili fl-intier tieghu huwa car li dan l-artikolu jitratta unikament il-jedd ta' abitazzjoni u mhux relatat ma' drittijiet successorji. Ghalhekk meta fis-sub-artikolu 7 ssir referenza li l-mizzewgin jistghu qabel jew wara z-zwieg, jiftehmu liema jkun ir-regim patrimonjali li ghandu jirregola l-proprjeta' taghhom, li jeskludu jew li jnaqqsu l-jedd kompetenti

ta' min minnhom jibqa' haj wara l-iehor, r-referenza ghal jedd huwa ghal dak ta' abitazzjoni u mhux ghal kwalunkwe jedd iehor partikolarment dak tas-sehem riservat. Ukoll kif irrizulta fil-paragrafi precedenti, r-rikorrenti u Dr Pierre Rene Edouard Guesry m'ghamlu l-ebda 'post-nuptial agreement' fejn eskludew id-dritt tas-sehem riservat fuq l-assi ereditarji. Ghalhekk anke in kwantu dak eccepit fit-tieni eccezzjoni dan mhux legalment korrett. In vista ta' dak li nghad, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari, it-tieni eccezzjoni u kwalunkwe eccezzjoni ohra relatata mal-Artikolu 633 sub-artikolu 7 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Il-hames eccezzjoni tal-intimata Lejman:</u>**

Illi permezz tal-hames eccezzjoni taghha l-intimata Lejman eccepiet illi t-testatur Dr Pierre Rene Edouard Guesry qatt ma ried ihalli lill-armla sseparata d-dritt tas-sehem riservat dan ghaliex targumenta li fir-rigward tal-assi tieghu li jinsabu f'Malta t-testatur ghazel li ma jhallihiex beneficjarja tal-ebda parti mill-assi ereditarji tieghu u dan anke kif ammess minnha stess fil-paragrafu 10 tar-rikors guramentat taghha, liema decizjoni ghandha tregi ghaliex hija l-libera volonta tat-testatur.

Illi s-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 615 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi s-sehem riservat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riservat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-ragel jibqa' haj. Minn dan it-test tal-ligi huwa car illi l-ghan wara s-sehem riservat huwa proprju li jipprotegi lil kull wild tal-familja u wkoll min mill-mara jew ir-ragel jibqa haj, billi anke jekk ma jibbenefikawx direttament mid-disposizzjonijiet testamentarji ta' testatur, huma bil-ligi xorta jkunu ntitolati ghal kwota riservata lilhom skont il-ligi. Fil-kaz odjern, ir-rikorrenti

Annick Guesry-Legrix ma bbenefikatx mid-disposizzjonijiet testamentarji tal-mejjet Dr Pierre Rene Edouard Guesry u kif diskuss fil-paragrafi precedenti, jirrizulta li malgrad li kienu separati huma ma eskludewx id-drittijiet successorji wara l-mewt ta' xi hadd minnhom. Osservat dan kollu, il-fatt li l-mejjet Dr Pierre Rene Edouard Guesry halla barra mid-disposizzjonijiet testamentarji lir-rikorrenti Annick Guesry-Legrix ma jincidix fuq id-dritt fil-ligi taghha ghas-sehem riservat. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad din il-hames eccezzjoni.

**<u>Is-sitt eccezzjoni tal-intimata Lejman:</u>**

Illi bhala s-sitt eccezzjoni taghha l-intimata Lejman preliminarjament eccepiet illi r-rikorrenti ma tistax tattakka d-decizjoni tat-testatur li ma jhallix lilha r-'riservata portio' minghajr ma tattakka l-validita' tat-testment tal-21 ta' Mejju, 2014 li enkapsula l-imsemmija decizjoni tat-testatur u la darba r-rikorrenti accettat it-testment tal-21 ta' Mejju 2014 bhala l-espressjoni tal-volonta' hielsa tat-testatur, ma tistax tippretendi wkoll li xi parti mit-testment hija invalida: '*electa una via, non datur recursus ad alteram*'.

Illi minn harsa lejn it-talbiet tar-rikorrenti, ma jirrizultax li hija qieghda tattakka d-decizjoni tat-testatur li ma hallilhiex ir-'riserva portio'. Piuttost hija qieghda titlob li tigi dikjarata li ghandha l-jedd ghar-'riserva portio' ai termini tal-Artikolu 631 tal-Kodici Civili u konsegwentement jigi likwidat is-sehem riservat spettanti lilha mill-patrimonju tal-istess decujus. Ghal finijiet ta' kawza bhal din, fejn ir-rikorrenti qieghda titlob is-sehem riservat, m'hemmx il-bzonn li jigi attakkat it-testment, anzi piuttost huwa rizultat ta' dak it-testment li l-parti titlob is-sehem riservat. F'certu cirkostanzi s-sehem riservat jista anke jintalab minn persuna li tara

li jkun aktar ta' beneficcju ghaliha li taghzel li tirrinunzja ghall-eredita' u tiehu t-triq tas-sehem riservat. Dan ifisser li s-sehem riservat jista anke juzufruwixxi minnu ndividwu li jkun gie nkluz fid-disposizzjonijiet testamentarji ta' testatur. Anke f'kaz bhal dan tal-ahhar, it-testment ma jigix attakkat. Ghaldaqstant in vista li m'huwiex minnu li r-rikorrenti qieghda tattakka t-testment u lanqas hemm in-necessita' li jigi attakkat it-testment, il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din is-sitt eccezzjoni.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi gialadarba gew trattati l-eccezzjonijiet kollha u rrizulta li l-partijiet m'eskludewx il-jedd ta' successjoni fil-konfront ta' xulxin jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li huwa dovut is-sehem riservat lir-rikorrenti Annick Guesry-Legrix. Ghalhekk f'dan l-istadju l-Qorti ser tghaddi sabiex tillikwida l-assi ereditarji tal-mejjet Dr Pierre Rene Edouard Guesry u sussegwentement tghaddi ghall-kalkolu u l-likwidazzjoni tas-sehem riservat dovut lir-rikorrenti Annick Guesry-Legrix.

**<u>Likwidazzjoni tal-assi ereditarji tal-mejjet Dr Pierre Rene Edouard Guesry u hlas tas-sehem riservat lir-rikorrenti Annick Guesry-Legrix:</u>**

Illi kif inghad aktar il-quddiem Dr Pierre Rene Edouard Guesry gie nieqes fit-12 ta' Ottubru, 2015 (fol. 11) u ghalhekk japplikaw ghall-kawza odjerna l-Artikoli 615 et seq tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendati bl-Att XXVII.2004 u bl-Att XV.2012.

Illi ta' rilevanza ghall-kaz odjern huma l-Artikoli 615 u 631 tal-Kodici Civili li jiddisponu kif isegwi:

‘615 (1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa’ ħaj.

(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma’ dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta’ att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta’ sentejn:

Iżda l-Qorti tista’, fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta’ imgħax li tista’ tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.

631. Jekk il-mejjet iħalli tfal jew dixxendenti oħra, min mir-raġel u l-mara jibqa’ ħaj l-aħħar għandu jedd għal kwart tal-valur tal-beni fi proprjetà sħiħa.’.

Illi dwar ir-rijunjoni fittizja tal-assi ereditarji sabiex jigi rikostruwit il-patrimonju kollu tad-decujus Dr Pierre Rene Edouard Guesry l-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Portelli et -vs- Rita Portelli et** deciza fil-15 ta’ April, 2004 fejn inghad illi:

‘Wieħed irid jirriporta ruhu għall-valur fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni. ...

(a) Fl-ewwel lok għandhom jinġabru l-beni kollha fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni (relictum) u jingħata l-valur tagħhom fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni;

(b) Minn dan l-ammont għandu jinqata' d-dejn;

(c) Mal-bilanċ li jibqa' għandu jiżdied il-valur tal-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni. Fl-artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili jingħad li din il-proprjetà "shall be fictitiously added" meħud in kunsiderazzjoni tal-valur tal-proprjetà fi żmien tal-apertura tas-suċċessjoni iżda fil-kundizzjoni li kienet meta ingħatat id-donazzjoni[1].

B'hekk inkunu nistgħu nsiru nafu jekk dak li ddispona minnu d-decujus (kemm matul ħajtu u wkoll permezz ta' dispożizzjonijiet testamentarji) jaqbiżx is-sehem li minnu seta' jiddisponi'.

**Assi ereditarji tal-mejjet Dr Pierre Rene Edouard Guesry:**

Illi l-mejjet Dr Pierre Rene Edouard Guesry innomina bit-testment tieghu tal-21 ta' Mejju, 2014 fl-atti tan-Nutar Joseph Abela (fol. 26) in kwantu ghall-eredita' tieghu f'Malta bhala werriet universali tieghu lill-intimata Laura Lejman u in kwantu ghall-assi tieghu barra minn Malta innomina bhala werrieta liz-zewgt ulied in kwantu ghal kwota ta' 41.5% favur ibnu Pierre Georges Antoine Guesry u in kwantu ghal-kwota ta' 58.5% favur ibnu l-iehor Antoine Arnaud Jean Guesry. Il-Qorti tqis li l-ahjar mod kif jigu likwidati l-assi tal-mejjet u s-sehem riservat dovut minn kull wiehed u wahda minnhom huwa billi ssir ir- rijunjoni fittizja billi jigu stabbiliti skont l-individwu, d-donazzjonijiet moghtija, jekk kien hemm, u jekk hemmx djun x'jitnaqqsu u dan bil-mod segwenti:

**L-intimata Laura Lejman:**

1. Permezz tas-seba' artikolu tat-tieni sezzjoni tat-testment

[1] Wiehed izda ghandu jzomm f'mohhu l-emendi kwotati aktar il-fuq li jvarjaw din il-konkluzjoni tal-Qorti fejn fil-kaz odjern ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-valur ta' meta saret id-donazzjoni.

tal-mejjet Dr Pierre Rene Edouard Guesry huwa nnomina bhala werrieta universali tieghu tal-assi gewwa Malta lill-intimata Laura Lejman. Billi l-legittimarju jrid jitlob il-legittima minghand min ikun inhatar werriet[2] fil-kaz odjern il-porzjon riservat fuq il-fond ossia penthouse bl-arja taghha internament immarkata bin-numru hamsa u tletin (35) fit-tielet sular, formanti parti mill-blokka bl-isem 'Fairoaks' fi Triq l-Uqija, Ibragg, Swieqi bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha, kif ukoll il-garaxx internament immarkat bin-numru tlieta u tletin (33) fil-livell -2, liema garaxx jigi taht il-blokka ta' appartamenti bl-isem 'Fairoaks' bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha kif suggetta ghall-uzufrutt tal-intimata Laura Lejman huwa proprju dovut mill-intimata Lejman.

Illi fl-atti ma giex nominat perit tekniku sabiex jivvaluta l-valur tal-proprjeta' msemmija fid-data tal-ftuh tas-successjoni. Fir-rigward tal-valur ir-rikorrenti Annick Guesry-Legrix fin-nota taghha esebita fil-5 ta' April, 2022 (a fol. 468 et seq tal-process) hadet l-valur tal-penthouse bhala dak ta' €395,993.48 (valur li jirrizulta mill-kuntratt t'akwist tas-27 ta' Novembru, 2006 fl-atti tan-Nutar Joseph Debono a fol. 507 et seq tal-process). Gialadarba r-rikorrenti stess accettat il-valur bhala dak indikat, u l-intimati ma kkontestawx tali valur, il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li tistrieh fuq dak l-ammont bhala l-valur tal-immobbli ta' **€395,993.48.**

2. Permezz tal-hames artikolu tat-tieni sezzjoni tat-testment tieghu Dr Pierre Rene Edouard Guesry iddikjara illi huwa

[2] Ara decizjoni fl-ismijiet **Farrugia noe et -vs- Mintoff noe et** App. Civili deciz fl-10 ta' Gunju, 1949 Kollezz. Vol. XXXIII.i.472.

kien ta' flus lill-intimata Laura Lejman sabiex tixtri proprjeta' immobbli gewwa s-Swieqi u li huwa m'huwiex dovut l-ebda flus minghand l-intimata Laura Lejman. Id-disposizzjoni testamentarja testwalment taqra kif isegwi:

' **<u>Article Five</u>**

The Testator declared that he had given money to Laura Lejman for her to acquire immovable property in Swieqi. The Testator declares that he is not owned any money from Laura Lejman.'.

Illi l-intimata Laura Lejman ikkonfermat fix-xhieda taghha tas-17 ta' Jannar, 2019 a fol. 322 et seq tal-process, kif ukoll f'dik tas-27 ta' April, 2021 a fol. 393 et seq tal-process illi kemm l-appartament, kif ukoll il-garaxx, inxtraw bi flus moghtija lilha mill-mejjet Dr Pierre Rene Edouard Guesry. Mill-kuntratt tal-appartament tal-14 ta' Ottubru, 2009 fl-atti tan-Nutar Charlene Vella (fol. 496), kif ukoll mill-kuntratt tal-garaxx tad-29 ta' April, 2011 fl-atti tan-Nutar Joseph Abela (fol. 320) jirrizulta li l-ammont kumplessiv li nghatat l-intimata huwa dak ta' **€139,600**.

Il-Qorti m'hijiex ser tiehu dan l-ammont bhala moghti b'titolu ta' donazzjoni fl-ewwel lok ghaliex m'hemm l-ebda att pubbliku f'dan is-sens, u fit-tieni lok effettivament dan l-ammont gie moghti bit-testment imsemmi.

3. Permezz tal-ewwel artikolu tas-sezzjoni tlieta tat-testment tal-mejjet Dr Pierre Rene Edouard Guesry iddikjara li huwa ghandu investiment ma' 'Foreign and Colonial',

Private Investor Plan f'Londra liema investiment huwa mizmum nofs bin-nofs mal-intimata Laura Lejman. It-testatur halla sehmu mill-imsemmi nvestiment lill-intimata Laura Lejman. Id-disposizzjoni testamentarja testwalment taqra kif isegwi:

' **<u>Article One</u>**

The Testator declares that he has an investment with 'Foreign and Colonial', Private Investor Plan in London, England, which investment is held jointly with Laura Lejman, and the funds in the said investment belong as to one-half to Laura Lejman, and as to the other-half to the Testator.

The Testator bequeaths unto the said Laura Lejman, his one-half share of the said investment with 'Foreign and Colonial', Private Investor Plan in London, England, in such a manner that the entirety of the said investment shall belong to the said Laura Lejman.

Should the said Laura Lejman, pass away prior to the Testator, she shall be substituted by the Testator's children in equal shares between them, and in their absence (predecease) by their respective descendants *ad infinitum* according to law, else by way of accretion between them.'.

Illi wara ordni mill-'High Court of Justice Queen's Bench Division, Central Office' gewipprezentati statements mill-'Foreign & Colonial Investment Trust (United Kingdom)' a fol. 246 et seq tal-process minn fejn il-Qorti setghet tinnota mill-kopji ta' cekkijiet li gew ipprezentati li l-intimata Laura Lejman investiet l-ammont totali ta' £52,522. Billi l-intimata Laura Lejman stess tghid illi l-

mejjet Dr Pierre Rene Edouard Guesry investa l-istess ammont, dan ifisser li l-ammont li kellu l-imsemmi Dr Pierre Guesry u li ghandu jigi mehud in konsiderazzjonijiet ghal finijiet ta' sehem riservat huwa dak ta' £52,522. Il-Qorti meta ghamlet il-konverzjoni minn liri Inglizi ghal Euro l-ammont gie dak ta' **€61,503.03**.

4. Permezz tas-seba' artikolu tat-tieni sezzjoni tat-testment tal-mejjet Dr Pierre Rene Edouard Guesry innomina bhala werrieta universali tieghu tal-kumplament tal-assi gewwa Malta lill-intimata Laura Lejman. Dan l-artikolu jiddisponi illi:

' **<u>Article Seven</u>**

Saving the above dispositions, the Testator nominates as his sole heir for the rest of his estate in Malta, the said Laura Lejman.

Should the said Laura Lejman, pass away prior to the Testator, then in such an event, the Testator nominates as his substitute heir for the rest of his estate in Malta, the said 'THE ARNAUD GUESRY FOUNDATION'.

Mill-atti jirrizulta li l-mejjet Dr Pierre Rene Edouard Guesry qrib id-data tal-mewt tieghu cioe' f'Ottubru 2015 kellu s-segwenti depositi bankarji li huma s-segwenti:

(i) HSBC Bank Malta plc bin-numru tal-kont: 026-082628-452 - €10,139.18;
(ii) Bank of Valletta plc bin-numru tal-kont: 40013951669 - €15,100.82;
(iii) Bank of Valletta plc bin-numru tal-kont:

40018504752 - €18.88.

Total ta' **€25,258.88**.

Dwar il-kont tal-HSBC Bank Malta plc bin-numru: 026-082628-452 ir-rikorrenti fin-nota taghha pprezentata nhar il-5 ta' April, 2022 (a fol. 468 et seq tal-process) tindika ammonti ulterjuri li gew iddepositati fil-kont. Il-Qorti tqis illi dawn l-ammonti m'ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni billi l-likwidazzjoni ghandha ssir fid-data tal-apertura tas-successjoni.

**<u>L-intimati Pierre Georges Antoine Guesry u Antoine Arnaud Jean Guesry:</u>**

5. Permezz tat-tielet artikolu tat-tielet sezzjoni tat-testment tal-mejjet, Dr Pierre Rene Edouard Guesry innomina bhala werrieta tieghu tal-kumplament tal-assi fl-esteru lill-intimati wliedu Pierre Georges Antoine Guesry fil-kwota ta' 41.5% u Antoine Arnaud Jean Guesry fil-kwota ta' 58.5%. Dan l-artikolu jiddisponi illi:

' **Article Three**

Savings the above dispositions, the Testator nominates as heirs for the rest of his estate outside Malta,

a) as to forty-one point five per cent (41.5%) his son Pierre Georges Antoine Guesry; and
b) as to fifty-eight point five per cent (58.5%) his other son Antoine Arnaud Jean Guesry.

Should any of the two children of the Testator pass away prior to the Testator, such predeceased child shall be substituted by his respective descendants *ad infinitum* according to law, otherwise by way of accretion between them.'.

L-intimat Antoine Arnaud Jean Guesry fl-affidavit tieghu a fol. 68 et seq tal-process jindika illi l-mejjet missieru Dr Pierre Rene Edouard Guesry qrib id-data tal-mewt tieghu cioe' f'Ottubru 2015 kellu s-segwenti depositi bankarji fl-esteru li huma s-segwenti:

(i) Lombard Odier fl-ammont ta' **€2,188,000.00**;
(ii) Piguet fl-ammont ta' CHR 230,000. Il-Qorti meta ghamlet il-konverzjoni minn Swiss franks ghal Ewro l-ammont gie dak ta' **€232,611.13**;
(iii) PostFinance fl-ammont ta' CHR 23,000. Il-Qorti meta ghamlet il-konverzjoni minn Swiss franks ghal Ewro l-ammont gie dak ta' **€23,261.11**.

Total ta' **€2,443.872.24.**

**<u>Donazzjoni lill-ahwa Guesry:</u>**

6. Illi permezz ta' kuntratt intitolat '*Donation en la Forme Du Pacte Successoral*' bejn min-naha l-wahda Dr Pierre Rene Edouard Guesry u r-rikorrenti Annick Guesry-Legrix u min-naha l-ohra binhom Pierre Georges Antoine Guesry datat 18 ta' Novembru, 2003 li gie rregistrat nhar il-5 ta' Jannar, 2004 a fol. 80 et seq tal-process l-imsemmija intimat Pierre Georges Antoine Guesry gie moghti donazzjoni fejn Georges Antoine Guesry inghata proprjeta' mmobbli filwaqt li lil Antoine Guesry gie ddikjarat li nghata l-ekwivalenti fi flus kontanti biex id-donazzjoni hija fl-ammont kumplessiv ta' Franki Svizzeri 916,000. Il-parti donata lil-intimati ahwa Guesry mill-mejjet missierhom Dr Pierre Guesry hija fl-ammont ta' Swiss francs 458,000. Il-Qorti meta ghamlet il-konverzjoni minn Franki Svizzeri ghal Ewro l-ammont gie dak ta' **€462,920.09**.

**The Arnaud Guesry Foundation:**

Illi mill-atti jirrizulta li l-fondazzjoni 'The Arnaud Guesry Foundation' kienet ghal qalb hafna l-mejjet Dr Pierre Rene Edouard Guesry u kienet tgawdi hafna mill-generosita' tieghu tant illi din giet anke nkluza fit-testment tieghu fis-sitt artikolu fit-tieni sezzjoni fejn iddispona illi:

' **Article Six**

The Testator declares that he was instrumental in setting up a foundation, named '**THE ARNAUD GUESRY FOUNDATION**', in virtue of a deed published by Notary Joseph Abela, dated the twenty-fourth day of August of the year two thousand and twelve ($24^{th}$ August, 2012).

The Testator further declares that this Foundation is very much close to his heart, and wishes that his family members do their best to have the said Foundation continue its noble purposes.'.

7. Illi l-mejjet Dr Pierre Rene Edouard Guesry inkluda wkoll lill-fondazzjoni fit-testment tieghu tal-21 ta' Mejju, 2014 fl-atti tan-Nutar Joseph Abela (fol. 26) fejn fit-tieni artikolu tat-tielet sezzjoni ddispona illi:

' **Article Two**

The Testator orders that should at the time of his

demise, he would have investments/money with the City Bank of New York, then in such an event he leaves by title of legacy such investments/money to the said 'THE ARNAUD GUESRY FOUNDATION'.

Illi l-intimata pprezentat kopja ta' email mibghuta minn IB Estate Services a fol. 432 tal-process fejn infurmaw lill-intimata Lejman li '*As of July 23rd 2021, the value of the 25% was 63'402.55 USD.*'. Dan ifisser li l-kwota shiha huwa dak ta' $253,610.20 USD ($63,402.55 x 4). Il-Qorti meta ghamlet il-konverzjoni minn Dollari Amerikani ghal Ewro l-ammont gie dak ta' **€234,082.21.**

**<u>Donazzjonijiet favur il-fondazzjoni 'The Arnaud Guesry Foundation':</u>**

Illi l-fondazzjoni nghatat ammont konsiderevoli ta' donazzjonijiet fi flus u ghalhekk dan l-ammont ghandu jigi nkluz fil-komputazzjoni tas-sehem riservat favur ir-rikorrenti Annick Guesry-Legrix.

8. Illi mid-deposizzjoni ta' Christina Lejman a fol. 190 et seq tal-process u mid-dokumenti esebiti fl-atti mill-istess xhud a fol. 186 et seq tal-process jirrizulta illi l-mejjet Dr Pierre Rene Edouard Guesry ghadda b'donazzjoni bejn is-snin 2012 u l-2015 lill-fondazzjoni 'The Arnaud Guesry Foundation' l-ammont kumplessiv ta' **€428,540**.

Illi l-kwistjoni principali li ddur mal-fondazzjoni hija min hu dovut li jhallas is-sehem riservat. Il-Qorti temmen li ghalkemm il-fondazzjoni giet effettivament ffurmata u hija rregistrata gewwa Malta, l-intenzjoni tal-mejjet Dr Pierre Rene Edouard Guesry kienet li din tibqa tigi gestita mill-familja tieghu partikolarment uliedu. Tant hu hekk illi fit-testment tieghu tal-21 ta' Mejju, 2014 fl-atti tan-Nutar Joseph Abela (fol. 26) huwa ddikjara li l-fondazzjoni hija hafna ghal qalbu u wera x-xewqa li l-membri tal-familja tieghu jaghmlu l-almu kollu taghhom sabiex il-fondazzjoni tkompli bil-ghan nobbli taghha. Fil-fehma tal-Qorti kwalunkwe porzjon riservat dovut fuq din ghandu jsir mit-tlett (3) werrieta u dan fil-kwota ta' 20% l-intimata Laura Lejman, 33.33% mill-intimat Pierre Georges Antoine Guesry u 46.67% fuq l-intimat Antoine Arnaud Jean Guesry in vista tal-fatt li l-werrieta ma bbenefikawx bl-istess mod mill-wirt u successjoni tal-mejjet Dr Pierre Rene Edouard Guesry.

**Djun:**

Fl-atti ma gewxipprezentati provi li l-mejjet Dr Pierre Rene Edouard Guesry kellu djun. Ghalhekk m'hemmx ammonti x'jigu mnaqqsa.

**Kalkolazzjoni u hlas tas-sehem riservat:**

**L-intimata Laura Lejman:**

1. Immobbli - **€395,993.48+**
2. Flus - **€226,361.91**

| | |
|---|---|
| Total - | **€622,355.39+** |
| 3. Donazzjoni lil Fondazzjoni (20%) - | **€132,524.44** |
| Total - | **€754,879.83** |

**Sehem ir-rikorrenti bhala porzjon riservat dovut mill-intimata Laura Lejman ¼ ta' €754,879.83 = <u>€188,719.96.</u>**

**<u>L-intimati Pierre Georges Antoine Guesry u Antoine Arnaud Jean Guesry:</u>**

| | |
|---|---|
| 1. Flus - | **€2,443.872.24+** |
| Total | **€2,443.872.24** |
| 2. Donazzjoni minghand missierhom - | **€462,920.09** |
| 3. Donazzjoni lil Fondazzjoni (80%) - | **€530,097.77** |
| Total - | **€3,436,890.10** |

**Sehem ir-rikorrenti bhala porzjon riservat dovut mill-intimati ahwa Guesry ¼ ta' €3,436,890.10 = <u>€859,222.53.</u>**

L-ahwa Guesry jhallsu s-sehem riservat dovut minnhom skont il-kwota ndikata mill-mejjet Dr Pierre Rene Edouard Guesry fit-testment tal-21 ta' Mejju, 2014 fl-atti tan-Nutar Joseph Abela (fol. 26) b'dan li Pierre Georges Antoine Guesry fil-kwota ta' 41.5% u Antoine Arnaud Jean Guesry fil-kwota ta' 58.5%.

**Imghax:**

Illi r-rikorrenti Annick Guesry-Legrix talbet ukoll l-imghax favur taghha ai termini tal-Artikolu 615(2) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 615 sub-artikolu 2 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li jekk l-imghax ma jintalabx fi zmien sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni dan jkun dovut mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju. Jipprovdi wkoll li l-Qorti tista', fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jinhtiegu, tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata ta' imghax anqas minn dik stabbilita' fl-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili.

> '(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:
>
> Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.'.

Illi jirrizulta li l-kawza odjerna giet epprezentata fir-registru nhar id-9 ta' Mejju, 2016 u ghalhekk entro l-perijodu ta' sentejn mid-data tal-mewt ta' Dr Pierre Rene Edouard Guesry. Madanakollu l-pretensjonijiet tar-rikorrenti kienu legalment dubjuzi bejn il-

partijiet partikolarment mal-intimata in vista tal-firda personali bejn id-decujus u r-rikorrenti. Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis li l-imghax legali ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-intavolar tal-kawza odjerna bir-rata' ta' 8% sad-data tal-pagament effettiv.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti taqta' w'tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimata Laura Lejman safejn dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi r-rikorrenti ghandha bhala l-armla tad-decujus Dr Pierre Rene Edouard Guesry, il-jedd ghas-sehem rizervat ai termini tal-Artikolu 631 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti l-patrimonju appartenenti lill-istess decujus;

3. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida s-sehem spettanti lir-rikorrenti mill-patrimonju tal-istess decujus fir-rigward dak dovut mill-intimata Laura Lejman fl-ammont komplessiv ta' mija tmienja u tmenin elf sebgha mija u dsatax il-Ewro u sitta u disghin centezmu (€188,719.96) filwaqt li fir-rigward tal-intimati ahwa Guesry fl-ammont kumplessiv ta' tmien mija disgha u hamsin elf mitejn u tnejn u ghoxrin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€859,222.53) li ghandhom jithallsu minn Pierre Georges Antoine Guesry fil-kwota ta' 41.5% u Antoine Arnaud Jean Guesry fil-kwota ta' 58.5%;

4. Tilqa′ t-tielet talba u tassenja lir-rikorrenti dak is-sehem rizervat spettanti lilha u kif likwidat skont it-talba precedenti;

5. Tichad ir-raba′ talba stante li m′hemmx bzonn ta′ pubblikazzjoni ta′ kuntratt pubbliku;

6. Tichad il-hames talba billi m′hemmx bzonn ta′ nomina ta′ kuraturi deputati billi kif inghad fil-paragrafu precedenti m′hemmx bzonn ta′ pubblikazzjoni ta′ kuntratt pubbliku;

7. Tichad is-sitt talba billi m′hemmx bzonn ta′ nomina ta′ Nutar Pubbliku sabiex jippubblika kwalsijasi kuntratt pubbliku illi jkun jehtieg li jigi ppublikat;

8. Tichad limitatament is-seba′ talba fis-sens illi m′hemmx il-bzonn ta′ pubblikazzjoni ta′ kuntratt pubbliku, ghalkemm l-intimati ghandhom ihallsu lir-rikorrenti s-sehem riservat spettanti lilha, kif likwidat skont it-talbiet precedenti.

Bl-ispejjez ghandhom ikunu sopportati in kwantu ghal terz (1/3) kull intimat/a, filwaqt li fir-rigward l-interessi dawn ghandhom jiddekorru bil-mod u rata ndikat fis-sezzjoni '**Imghax:**'.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta′ Mejju, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Mejju, 2024**